# MINUTI

# LAQGHA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI

# IS-SEBGHA LEGISLATURA 2017

# SEDUTA NUMRU 39 (kontinwazzjoni)

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fic-Centru Civiku, Kunsill Lokali S-Swieqi, Triq G. Bassiera, S-Swieqi nhar il-Hamis 26 ta' April fil 17.15

Prezenti:

Noel Muscat - Sindku

Mario Fava - Kunsillier

Paul Fenech - Kunsillier

Alfred Curmi - Kunsillier

Theresa Valentino - Kunsillier

Mauro Miceli - Kunsillier

Ufficjal Prezenti:

Vince Tanti - Segretarju Ezekuttiv

Mistiedna: - George Abdilla, Segretarju Ezekuttiv Regjun Tramuntana, Paul Vella, Sindku Mgarr)

Skuzati: -

Il-Kunsillier A. Chetcuti informa li kien ghadu konferenza, il-Vici Sindku Dr. J. Fenech huwa msiefer u l-Kunsillier M. Abela informat li ma setghetx tattendi minhabba raguni ta' familja.

**I Street Lighting Tender**

Is-Sinjuri Abdilla u Vella bdew il-laqgha billi tkellmu fuq it-tender ta' Street Lighting li nhareg mir-Regjun ta' Tramuntrana. Mill-Kunsilli kollha li jinkludi dan ir-regjun, huwa biss il-kunsill tas-Swieqi li s'issa mhux inkluz f'dan it-tender.

Is-Sindku intervjena u iccara punt fejn spjega li dejjem tkellem fl-apert kif ukoll tkellem ma awtoritajiet koncernati ghaliex ma jhossx li is-Swieqi jappartjeni mar-Regjun Tramuntana izda huwa iktar konformi geografikament u kurturalment mar-Regjun Centru. Sahaq li l-problemi li l-lokalita tiffaccja huma iktar konformi ma' problemi ta' lokalitajiet vicini bhal San Giljan, San Gwann u Sliema. Apparti min dan il-Kunsill ghandu arrangement tajjeb mal- kuntrattur tad-dawl tieghu ghax isib servizz tajjeb u efficjenti, hlief ghal perjodu qasir vicinil- festi tal-Milied.
Is-Sindku esprima thassib li l-arrangament fuq skala ta' Regjun titlef mill-efficjenza u r-relazzjoni professjonali mal-kuntrattur, u dan ifisser li is-servizz ma jibqax l-istess.

Is-Sur Abdilla kompla billi sahaq li t-tender ghandu provizjoni ta' benificcji ghal kunsill, ghaliex is-servizz, li ser jitjieb anki mill-aspett ta'time-frame inqas mir-rapport tal-hsara sakemm jigi rrangat , kif ukoll ser jkun hemm penali jekk dan ma jsehhx. Informa wkoll li f'kazi urgenti hemm l-obbligu li tiswijiet jsiru immedjatament.

Fuq kollox qal is-Sur Abdilla, kull Kunsill ser jahdem indipendentament minn iehor u ghalhekk mhux ser tefettwa r-relazzjoni li wiehed jkollu mal-kuntrattur tieghu.

Semma wkoll is-sistema on-line li diga qieghda tithadem, u hija sistema efficjenti hafna.

Fuq mistoqsijja mressqa mill-Kunsillier A. Curmi fir-rigward tar-risponsabilta ta' l-istreet lighting, kemm tal-hajt kif ukoll fuq l-arbli, gie nfurmat illi wara devoluzzjoni fl-2006, kull dawl tat-triq fis-Swieqi, inkluzi arbli waqghu fir- responsabbilta tal-Kunsill.

Kien hemm interventi mill-Kunsillieri M.Fava u P. Fenech u s-Sindku fejn indirazzaw lis-Sinjuri mistiedna b'mistoqsijiet.

Wara ftit hin ta' diskussjoni gie deciz li l-Kunsill jiddiskuti internament u jiehu decizjoni li ser tigi trasmessa lir-Regjun fil-jiem li gejjin.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Vince Tanti |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

**II APPROVAZZJONI TA' MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru.38 gew approvati mill-Kunsillier P.Fenech, u sekondati mill-Kunsillier M. Miceli, wara li saru xi korrezzjonijiet, fosthom li hu stess kien tkellem fl-gheluq tal-laqgha precidenti fuq problem fi Triq Santu Wistin, li ma kinitx msemmijja fil-minuti. Is-Segretarju Ezekuttiv skuza ruhu, ftakar li kien saru xi lkumment imma peress li kulhadd kien qam biex imur haseb li l-laqgha kienet ntemmet u ma dahhalx dan il-kumment.

Il-Kunsillier M. Fava wkoll tkellem fuq punt li ma giex msemmi fil-minuti precidenti, dik tal-WiFi spots gewwa s-Swieqi, li kienet msemmijja fil-qosor, dan wara l-laqgha li l-Kunsill kellu ma' l-Onor Ministru E. Mallia.

Il-Kunsillier M. Fava qara statistika ta' WiFi traffic fil-lokalita (ara rapport mehmuz). Peress li l-Ministru Mallia offra aktar zoni WiFi b'xejn saret diskussjoni ta' fejn ghandhom jigu nstallati. Gie deciz li jitnehha dak li hemm installat ga fejn kien hemm il-Kunsill l-antik u jigi nstallat hdejn il-Knisja Parrokjali fi Triq ta' l-Ibrag. Gie deciz ukoll li jigi installat iehor gewwal-gnien ta' Victoria Gardens, iehor fi Triq is-Sidra, fejn il-Corner Food Store u iehor hdejn Triq Josef Kalleja. Gie ssugerit iehor il-Madliena, hdejn il-Forti izda il-Kunsillier T. Valentino xtaqet li dan jigi diskuss mal-membri tal- Kumitat Amministrattiv Madliena, u l-Kunsill accetta.

**III Rapport tas-Sindku**

1. Is-Sindku pprezenta rapport (mehmuz bhala App. A) fuq l-attivita tieghu mill-10.04.17 sal-gurnata ta' qabel il-laqgha (26 ta' April).

2. Minn fost dan ir-rapport hargu noti li jridu jsiru tabelli godda one-way fi Swieqi Road int u diehel fl-isqaq li jaghti ghal San Gwann, ghaliex karozzi qed jghaddu one way filghaxija.

3. Is-Sindku tkellem fuq Triq il-Kaffis fejn sid ta l-art li hija ODZ ghamel passagg accessibli billi tefa' ma' kwazi metru terrapien, fil-process kisser parti minn sigra tal-harrub li hija protetta u kesa wkoll wisgha ta' pjazza zghira li twassal ghal bini li kien inbena illegali fl-1968. Is-Sindku emfasizza li din hija wahda mill-hafna attentati bla razan li qed jsiru fil-lokalita. Kompla billi qara stqarrija li giet proponuta bejn il-Kunsilli ta San Gwann, San Giljan u s-Swieqi. (annessa bhala App. B)

   Il-Kunsillier M. Fava ma qabilx ma' din l-isqarrija, u minnflok irrakommanda illi jsir ftehim mit-tlett Kunsilli ta' San Gwann, San Giljan u s-Swieqi u ssir laqgha mal-Ministru ta' l-ambjent l-Onor.Jose Herrera, fl-isfont ta' li-stand li l-Ministru ha favur l-ambjent f'Wied Ghomor. Din ghandha ssir b'urgenza.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Vince Tanti |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

4. Mar-rapport tieghu is-Sindku zied xi punti, fejn l-ewwel fahhar l-esebizzjoni ta' l-arti mill artista Rosa Marie, u l-fotografija minn Charles Borg, inizjattiva ohra ta' success tal-Kunsillier P. Fenech.

5. Punt iehor kien li tkellem fuq problema dejjiema ta' street lighting ta'Triq il-Kartocc, fejn irringrazzja lis-Segretarju Ezekuttiv ta inizjattiva li ha meta nduna li hemm it-triq maghluqa, u peress li kien hemm spejjez kbar biex jitwahhal arblu f'din it-triq tkellem mal-kuntratturi u ppropona kollaborazzjoni bejniethom li fissret saving ta' xi €2000.

**IV Rapport mis-Segretarju Ezekuttiv**

1. Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq fuq il-mejda ghal apporvazzjoni tal-Kunsill l-ahhar emendi ghar-rapport finanzjajru tas sena 2016, u dawn gew approvati. Emmendi annessi (App. C).

2. Huwa nforma lill-Kunsill li l-appell fuq l-izvilupp tal-barriera f'Wied Ghomor gie pospost ghat-13 ta' Lulju, wara li l-Kunsillier T. Valentino attendiet ghal laqgha f'isem il-Kunsill fl-20 ta April.

3. Huwa ressaq diversi lmenti minn residenti fuq problema ta' coaches hdejn l-iskejjel fi Triq is-Sirk. Wara li tkellem mas-Sindku gie proponut li jsir 30 minute timed Boarding and Alighting bay ghal filghodu u wara nofsinhar biswit l-iskola tal-Link. Il-Kunsillier P. Fenech oggezzjona ghal dan ghax apparti li ma tissolviex il-problema, hemm soluzzjonijiet ohra li jistaw jigu ntrodotti, fosthom uzu ta' Mini-busses jew parking f 'areas ohrajn u l-istudenti jimxu sa l-iskola. Il-Kunsill qabel mal-proposti tal-Kunsillier P. Fenech u ghalhekk gie mitlub sabiex jinstabu soluzzjonijiet ohra malajr.

4. Is- Segretarju Ezekuttiv ressaq ittra mir-regjun Tramuntana ghal kooperazzjoni bejn kunsilli sabiex johorgu tenders flimkien, izda din ma gietx accettata mill-Kunsill.

5. Hu tkellem ukoll fuq il-bzonn li jinstab sostitut ghal rapresentanza tal-kunsill fir-Regjun, u l-Kunsillier M. Miceli offra li jibda jattendi ghal dawn is-seduti. Din giet accettata unanimament bir-ringrazzjamenti minnghand kulhadd.

6. Rigward il-proposta ta' Call Centre, wara diskuzzjoni gie deciz b'mod unanimu li din ma tigix accettata.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Vince Tanti |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

7. Huwa ressaq komunikazzjoni li rcieva minghand id-DLG fir-rigward ta' gbir ta' skart goff eletroniku (WEEE) , u linji gwida f'dan ir-rigward. Id-Dipartiment ghandu jaghti iktar dettalji 'il quddiem.

8. Informa li-l-Gnien Caruana Curran ghandu bzonn ta' manutenzjoni qawwija, u S-Sindku ssugerixxa wiehed jara nistawx napplikaw ghal fondi tal-UIF ghal dan.

9. Koppja mis-serbja talbu permess biex jaghmlu attivitajiet ta' fitness fil-gonna pubblici tas-Swieqi fuq bazi kummercjali. Il-Kunsill qabel ma' din l-inizjattiva izda fthemu li l-koppja ghandha taghti donazzjoni ta' €10.00 ghal kull sezzjoni li torganizza.

10. Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li fuq diversi ilmenti kuf ukoll fuq insistenza regolari mill-Kunsillier M. Miceli, mar sa Triq Santu Wistin flimkien mal-Kunsillier A. Chetcuti u tkellmu ma sid ta'hanut u resident tat-triq u raw b'ghajnejhom stess l-abbuzi li qed isehhu, b'mod partikolari mix-xufiera ta' l-ecabs. Dawn qeghdin jaqsmu one-way f'parti perikoluza mal-hrug tal-mini. Il-Kunsillier A.Chetcuti ppropona li flimkien ma' TM, Il-Kunsill ta' San Giljan u l-Kunsill tas-Swieqi nipproponu li ssir roundabout kif tohrog minn dawn il-mini. Din l-idea ma gietx accettata u sar rapport immedjat mill-Kunsillier M. Fava lill- LESA sabiex jibghatu l-gwardajni lokali regolarment f'dan is-sit. Is-Sindku, flimkien ma' kunsillieri ohra talbu lis-SE biex jaghamel laqgha mas-sidien ta' l-ecabs.

11. Is Is-Segretarju Ezekuttiv -pprezenta tmien kontijiet mill-Enemalta li hargu minn file f'Jannar wara li kien inghalqu l-accounts. Dawn l-invoices waslu b'ittra registrata xi hin lejn l-ahhar parti ta' Dicembru 2016 u gew iffajljati minghajr ma dahlu fis-sistema. L-awdituri gew informati b'dawn l-invoices, u is-Segretarju Ezekuttiv flimkien mas-SE Precidenti marru l-Enemalta ghal laqgha ma l-accountant taghhom ghal spjegazzjoni fuqhom. Wara hafna diskussjonijiet jirrizulta li dawn huma invoices pendenti li intbghatu tard hafna mill-Enemalta. Talbu skuza ta'dan id-dewmin izda xorta jridu jithallsu. Is-SE ghadu jistenna minghand il-Maltapost biex jara min ffirma l-ittra registrata.

12. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil dawk prezenti li attenda ghal laqgha fuq il-culture funds abbinati ma Valletta 2017/8 lill-Kunsilli. Informa li hemm *closing dates* u talab lill-kunsillieri biex jipprezentaw l-ideat taghhom mill-aktar fis possibli.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Vince Tanti |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

13. Huwa rrefera dwar il-post vakanti ta' Ufficjal Ezekuttiv fis skala 13 ma' da nil-Kunsill. Huwa nforma li applikaw 4 persuni u 3 attendew ghall-intervisti li saru nhar il-25 ta' April 2017, peress li wahda ddecidiet li m'ghadhiex interessata. Mit-tlieta li attendew, wahda ddecidiet li twaqqa l-applikazzjoni taghha u l-ghazla waqghet fuq tnejn. Il-Kunsillier P. Fenech staqsa lis-SE ghall-opinjoni tieghu fuq min hu kunfidenti, u is-SE wiegbu li f'nofs siegha ma jistax jifforma opinjoni fuq persuna, ghalkemm xtaq jiddiskuta mal-Vici Sindk Dr J. Fenech, membru tal-bord ta' l-ghazla ghal opinjoni tieghu wkoll wara li ha l-opinjoni tal-membru l-iehor il-Kunsillier A. Curmi.

14. Tkellem fuq il-progress fil-progett ta' Gnien FX Ebejer fejn bhalissa inform li qeghdin jaghlqu.

15. Hu semma wkoll il-problema tal-pagamenti pendenti tas-Sur C. Galea, il-kuntrattur tal-gbir ta l-iskart. Huwa nforema li tezisti klawsola fil-kuntratt eziztenti illi jista jkun hemm varjanza ta' bejn 2.5% u 10%. Din il-varjanza tista twassal sabiex jithallsu l- kontijiet pendenti ta' Galea Cleaning Solutions.

16. Fakkar li l-Hadd 7 ta' Mejju ser jkun hemm Charity Event mis-St Joan Antide Foundation fil-Park tas-Civic Centre u s-Sala.

17. Is- Segretarju Ezekuttiv talab lill-kunsillieri biex jaghzlu pittura maghmula mill-Kunsillier P. Fenech, pprezentati waqt il-laqgha, sabiex tigi mghotija lill-ET President ta'Malta waqt iz-zjara li l-Kunsill ser jaghmel nhar l-Erbgha 3 ta ' Mejju. Ma kienx hemm qbil fuq liema pitura intazlet.

**<u>V APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIR IEHOR</u>**

Giet pprezenta l-iskeda ta' pagamenti nru.31 wara li nqrat l-email annessa mibghuta mill-Kunsillier A. Curmi bhala App. D, il-pagamenti gew approvati minn dawk kollha prezenti.

Il-Kunsillier A. Curmi rrefera dwar il-laqgha Annwali mar-residenti, u li trid issir mill-aktar fis, issa li gew pprezenta rapport finanzjajru finali ghas-sena 2016. Gie deciz li d-data tal-laqgha tithabbar fil-laqgha li jmiss peress li kien sar il-hin.

Din is-seduta ntemmet fit -20.20 u giet aggornata ghat-Tnejn 8 ta' Mejju fil-17.00. Kien hemm qbil unanimu minn dawk kollha prezenti.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Vince Tanti |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |